

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B****REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 474/2006**

tat-22 ta' Marzu 2006

li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 330M, 9.12.2008, p. 281)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Commission Regulation (EC) No 910/2006 of 20 June 2006 (*)	L 168	16	21.6.2006
► <u>M2</u>	Commission Regulation (EC) No 1543/2006 of 12 October 2006 (*)	L 283	27	14.10.2006
► <u>M3</u>	Commission Regulation (EC) No 235/2007 of 5 March 2007 (*)	L 66	3	6.3.2007
► <u>M4</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 787/2007 ta' l-4 ta' Lulju 2007	L 175	10	5.7.2007
► <u>M5</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1043/2007 tal-11 ta' Settembru 2007	L 239	50	12.9.2007
► <u>M6</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2007 tat-28 ta' Novembru 2007	L 311	12	29.11.2007
► <u>M7</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 331/2008 tal-11 ta' April 2008	L 102	3	12.4.2008
► <u>M8</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 715/2008 ta' l-24 ta' Lulju 2008	L 197	36	25.7.2008
► <u>M9</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1131/2008 ta' l-14 ta' Novembru 2008	L 306	47	15.11.2008
► <u>M10</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 298/2009 tat-8 ta' April 2009	L 95	16	9.4.2009
► <u>M11</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2009 tat-13 ta' Lulju 2009	L 182	4	15.7.2009
► <u>M12</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1144/2009 tas-26 ta' Novembru 2009	L 312	16	27.11.2009
► <u>M13</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 273/2010 tat-30 ta' Marzu 2010	L 84	25	31.3.2010
► <u>M14</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 590/2010 tal-5 ta' Lulju 2010	L 170	9	6.7.2010
► <u>M15</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 791/2010 tas-6 ta' Settembru 2010	L 237	10	8.9.2010
► <u>M16</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1071/2010 tat-22 ta' Novembru 2010	L 306	44	23.11.2010
► <u>M17</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2011 tad-19 ta' April 2011	L 104	10	20.4.2011
► <u>M18</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1197/2011 tal-21 ta' Novembru 2011	L 303	14	22.11.2011
► <u>M19</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 295/2012 tat-3 ta' April 2012	L 98	13	4.4.2012

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti



REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 474/2006

tat-22 ta' Marzu 2006

li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li jħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament ta' bażi") jistabbilixxi l-proċeduri biex tkun stabbilita lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fil-Komunità kif ukoll proċeduri li jippermettu lill-Istati Membri, f'ċerti ċirkostanzi, jadottaw miżuri eċċezzjonali li l-għan li jimponu projbizzjonijiet tal-operat fit-territorju tagħhom;
- (2) Skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament ta' bażi, kull Stat Membru għandu, jikkomunika lill-Kummissjoni l-identità tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fit-territorju tiegħu, flimkien mar-raġunijiet li wasslu għall-adozzjoni ta' tali projbizzjonijiet u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra;
- (3) Il-Kummissjoni informat lill-kumpaniji tal-ajru kollha kkonċernati direttament jew, fejn dan ma setax isir, permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, u indikat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jiffurmaw il-bażi għal deċiżjoni li timponilhom projbizzjoni tal-operat fil-Komunità.
- (4) skont l-Artikolu 7 tar-Regolament ta' bażi, ingħatat l-opportunità mill-Kummissjoni lill-kumpaniji tal-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumenti pprovduti mill-Istati Membri, iressqu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjoni bil-fomm lill-Kummissjoni fi żmien għaxar ġranet tax-xogħol u lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru ⁽²⁾,
- (5) il-kriterji komuni sabiex tiġi kkunsidrata projbizzjoni tal-operat għal raġunijiet ta' sikurezza fuq livell Komunitarju huma stabbiliti fl-Anness għar-Regolament ta' bażi.

⁽¹⁾ ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.

⁽²⁾ Stabbilit bl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4).

▼B**Air Bangladesh**

- (6) Hemm evidenza vverifikata dwar nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa tal-Air Bangladesh fir-rigward ta' ċertu ajruplan fil-flotta tagħha. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati matul spezzjonijiet fir-rampa mwettqa mill-Ġermanja skont il-Programm SAFA ⁽¹⁾,
- (7) Air Bangladesh ma tatx risposta degwata u f'waqtha għal inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tal-Ġermanja dwar l-aspett ta' sikurezza tal-operat tagħha u b'hekk uriet nuqqas ta' trasparenza jew komunikazzjoni, kif juri n-nuqqas ta' tweġiba tagħha għall-korrispondenza minn dan l-Istat Membru. Sal-lum il-Ġermanja ma kellhiex l-opportunità li tivverifika jekk in-nuqqasijiet fil-qasam tas-sikurezza ġewx korretti.
- (8) L-awtoritajiet tal-Bangladexx responsabbli għas-sorveljanza regolatorja ta' Air Bangladesh ma għamlux sorveljanza adegwata fuq ajruplan speċifiku użat minn din il-kumpanija f'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago.
- (9) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li Air Bangladesh għandha tkun soġġetta għal restrizzjoni operattiva stretta u inkludja fl-Anness B,

Air Koryo

- (10) Hemm evidenza vverifikata dwar nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa tal-Air Koryo. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati matul spezzjonijiet fir-rampa mwettqa minn Franza u l-Ġermanja skont il-Programm SAFA ⁽²⁾,
- (11) Matul spezzjonijiet fir-rampa oħra mwettqa skont il-Programm SAFA ⁽³⁾ ġiet identifikata l-inkapaċità persistenti li Air Koryo tindirizza n-nuqqasijiet preċedentement ikkomunikati minn Franza.
- (12) Franza kkomunikat informazzjoni sostanzjata u gravi relatata ma' inċident li tindika nuqqasijiet sistemiċi latenti fil-qasam tas-sikurezza min-naħa ta' Air Koryo.
- (13) Air Koryo wriet nuqqas ta' kapacià li tindirizza dawn in-nuqqasijiet ta' sikurezza.
- (14) Air Koryo ma tatx tweġiba f'waqtha u adegwata għal inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili ta' Franza dwar l-aspett ta' sikurezza tal-operat tagħha u b'hekk uriet nuqqas ta' trasparenza jew komunikazzjoni, kif turi l-assenza ta' tweġiba tagħha għall-inkjesta minn dan l-Istat Membru.
- (15) Il-pjan ta' azzjoni korrettiv ppreżentat minn Air Koryo bi tweġiba għat-talba minn Franza kienet inadegwata u insuffiċjenti biex isewwi n-nuqqasijiet gravi identifikati fil-qasam tas-sikurezza.

⁽¹⁾ LBA-D-2005-0003
LBA-D-2005-0004
LBA-D-2005-0004

⁽²⁾ DGAC/F 2000-210
L-ebda ref. għal spezzjoni oħra tas-SAFA mwettqa mill-Ġermanja.

⁽³⁾ DGAC/F-2000-895

▼B

- (16) l-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea responsabbli għas-sorveljanza regolatorja ta' Air Koryo ma għamlux sorveljanza adegwata fuq dan it-trasportatur b'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago.
- (17) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li Air Koryo ma tilħaqx l-istandards rilevanti ta' sikurezza.

Ariana Afghan Airlines

- (18) Hemm evidenza vverifikata dwar nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa ta' ċerti inġenji tal-ajru operati mill-Ariana Afghan Airlines. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati matul spezzjonijiet fir-rampa mwettqa mill-Ġermanja skont il-Programm SAFA ⁽¹⁾.
- (19) Ariana Afghan Airlines wriet nuqqas ta' kapaċità li tindirizza dawn in-nuqqasijiet ta' sikurezza.
- (20) Ariana Afghan Airlines ma tatx tveġiba f'waqtha u adegwata għal inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tal-Ġermanja dwar l-aspett ta' sikurezza tal-operat tagħha u b'hekk uriet nuqqas ta' komunikazzjoni, kif turi l-assenza ta' tveġiba adegwata tagħha għall-korrispondenza minn dan l-Istat Membru.
- (21) l-awtoritajiet kompetenti tal-Afganistan, fejn l-inġenji tal-ajru użati mill-Ariana Afghan Airlines huma rreġistrati, ma għamlux sorveljanza adegwata totali fuq l-ajruplan użat minn din il-kumpanija f'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago.
- (22) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li Ariana Afghan Airlines ma tilħaqx l-istandards rilevanti ta' sikurezza għall-inġenji tal-ajru kollha li hija tħaddem, għajr għall-A310 bin-numru ta' reġistrazzjoni F-GYYY li hu rreġistrat fi Franza u suġġett għas-sorveljanza tal-awtoritajiet Franċiżi.

BGB Air

- (23) Hemm evidenza vverifikata dwar nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa ta' BGB Air. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati mill-Italja, matul spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm SAFA ⁽²⁾.
- (24) BGB Air uriet nuqqas ta' kapaċità jew rieda li tindirizza nuqqasijiet fil-qasam tas-sikurezza kif intwera mis-sottomissjoni ta' awtovalutazzjoni mal-istandards tal-ICAO fuq il-bażi ta' lista ta' kontroll ta' operaturi barranin (Foreign Operator Check List) ipprovduta mill-Italja, li ma nstabitx konformi mas-sejbiet sussegwenti tal-ispezzjonijiet SAFA.
- (25) BGB Air ma wegħbitx b'mod adegwat għal inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tal-Italja, dwar l-aspett ta' sikurezza tal-operat tagħha u b'hekk uriet nuqqas ta' trasparenza jew komunikazzjoni, kif turi l-assenza ta' tveġiba għal xi korrispondenza mibgħuta minn dan l-Istat Membru.

⁽¹⁾ LBA-D-2004-269

LBA-D-2004-341

LBA-D-2004-374

LBA-D-2004-597

⁽²⁾ ENAC-IT-2005-237

▼B

- (26) Mhemm l-ebda evidenza dwar l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni korrettiv adegwat ippreżentat minn BGB Air biex issewwi n-nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza bi tweġiba għat-talba mill-Italja.
- (27) L-awtoritajiet tal-Kazakistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja ta' BGB Air ma kkooperawx bis-sħiħ mal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Italja meta tqajjem tħassib dwar is-sikurezza tal-operat ta' BGB Air iċċertifikata minn dak l-Istat, kif intwera mill-assenza ta' tweġiba għall-korrispondenza mibgħuta minn dan l-Istat Membru.
- (28) GGhalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li BGB Air ma tilħaqx l-istandards rilevanti ta' sikurezza.

Buraq Air

- (29) Hemm evidenza vverifikata dwar nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa tal-Buraq Air dwar l-operazzjonijiet ta' merkanzija tagħha. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati matul spezzjonijiet fir-rampa mwettqa mill-Iżvezja u l-Olanda skont il-Programm SAFA ⁽¹⁾.
- (30) Buraq Air ma tatx tweġiba f'waqtha u adegwata għal inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tal-Ġermanja dwar l-aspett ta' sikurezza tal-operazzjonijiet tagħha ta' merkanzija u b'hekk uriet nuqqas ta' trasparenza jew komunikazzjoni, kif juri n-nuqqas ta' tweġiba għall-korrispondenza minn dan l-Istat Membru.
- (31) L-awtoritajiet tal-Libja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja ta' Buraq Air ma għamlux sorveljanza adegwata fuq l-operazzjonijiet ta' merkanzija ta' din il-kumpanija f'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago.
- (32) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li Buraq Air għandha tkun suġġetta għal restrizzjonijiet operattivi stretti u inklużi fl-Anness B.

Air Service Comores

- (33) Hemm evidenza vverifikata dwar nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa ta' Air Service Comores. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati matul spezzjonijiet fir-rampa mwettqa minn Stat Membru, Franza, skont il-Programm SAFA ⁽²⁾.
- (34) Mhemm l-ebda evidenza dwar l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni korrettiv adegwat ippreżentat minn Air Service Comores biex isewwi n-nuqqasijiet gravi identifikati fil-qasam tas-sikurezza bi tweġiba għat-talba minn Franza.
- (35) L-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja ta' Air Service Comores urew nuqqas ta' kapaċità biex jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' sikurezza.
- (36) L-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tal-Komoros ma kkooperawx fil-ħin dovut mal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' Franza meta tqajjem tħassib dwar is-sikurezza tal-operat ta' kumpanija b'liċenzja maħruġa f'dak l-Istat jew iċċertifikata minnu.

⁽¹⁾ LFV-S-2004-2004-52
CAA-NL-2005-47

⁽²⁾ DGAC/F-2005-1222

▼B

- (37) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li Air Service Comores ma tilħaqx l-istandards rilevanti ta' sikurezza.

GST Aero Air Company

- (38) Hemm evidenza vverifikata dwar nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa ta' GST Aero Air Company. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati matul spezzjonijiet fir-rampa mwettqa mill-Italja skont il-Programm SAFA ⁽¹⁾.
- (39) GST Aero Air Company uriet nuqqas ta' kapacià jew rieda li tindirizza nuqqasijiet ta' sikurezza.
- (40) GST Aero Air Company ma tatx tweġiba f'waqtha u adegwata għal inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tal-Italja dwar l-aspett ta' sikurezza tal-operat tagħha u b'hekk uriet nuqqas ta' trasparenza jew komunikazzjoni kif turi l-assenza ta' tweġiba għall-korrispondenza mibgħuta minn dan l-Istat Membru.
- (41) Mhemm l-ebda evidenza dwar l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni korrettiv adegwat ppreżentat mill-GST Aero Air Company biex isewwi n-nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza bi tweġiba għat-talba mill-Italja.
- (42) L-awtoritajiet tal-Każakistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja ta' GST Aero Air Company ma kkooperawx bis-sħiħ mal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Italja meta tqajjem tħassib dwar is-sikurezza tal-operat ta' kumpanija ċċertifikata u b'liċenzja maħruġa f'dak l-Istat, kif intwera mit-tweġiba limitat għall-korrispondenza mibgħuta mill-Italja.
- (43) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li GST Aero Air Company ma tilħaqx l-istandards rilevanti ta' sikurezza.

Phoenix Aviation

- (44) L-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tal-Kirgiżistan urew kapacià mhux suffiċjenti biex jimplimentaw u jinfurzaw l-istandards rilevanti ta' sikurezza fir-rigward ta' Phoenix Aviation. Minkejja li ċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru ta' Phoenix Aviation inħareġ mill-Kirgiżistan, hemm evidenza li turi li s-sede prinċipali ta' negozju tal-linja tal-ajru tinsab fl-Emirati Għarab Magħquda (UAE), bi ksur tar-rekwiżiti tal-Anness 6 tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Ir-Rapport Fattwali tan-National Transportation Safety Board tal-Istati Uniti ⁽²⁾ dwar inċident li fih kienet involuta t-titjira 904 tal-Kam Air, operata minn Phoenix Aviation, jistqarr li l-kwartieri ġenerali tal-Phoenix Aviation jinsabu fl-Emirati Għarab Magħquda.
- (45) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li Phoenix Aviation ma tilħaqx l-istandards rilevanti ta' sikurezza.

⁽¹⁾ ENAC-IT-2005-170
ENAC-IT-2005-370

⁽²⁾ Factual Aviation Report, USA-National Transportation Safety Board, it-2 ta' Marzu 2005, (NTSB ID: DCA05RA033).

▼B**Phuket Airlines**

- (46) Hemm evidenza vverifikata dwar nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa ta' Phuket Airlines. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati minn Stati Membri, ir-Renju Unit u l-Olanda, matul spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm SAFA ⁽¹⁾.
- (47) Phuket Airlines uriet nuqqas ta' kapaċità li tindirizza fil-ħin u b'mod adegwat dawn in-nuqqasijiet ta' sikurezza.
- (48) L-awtoritajiet tat-Tajlandja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja ma kkooperawx bis-sħiħ mal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Olanda meta tqajjem tħassib dwar is-sikurezza tal-Phuket Airlines iċċertifikata f'dak l-Istat, kif intwera min-nuqqas ta' tweġibiet pertinenti għall-korrispondenza minn dan l-Istat Membru.
- (49) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li Phuket Airlines ma tilħaqx l-istandards rilevanti ta' sikurezza.

Reem Air

- (50) Hemm evidenza vverifikata dwar nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa ta' Reem Air. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati inizjalment mill-Olanda, matul spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm SAFA ⁽²⁾.
- (51) Matul spezzjonijiet fir-rampa magħmulin wara fuq ajruplan speċifiku mwettqa skont l-Programm SAFA ⁽³⁾, l-Olanda identifikat inkapaċità persistenti li Reem Air li tindirizza n-nuqqasijiet.
- (52) Reem Air uriet nuqqas ta' kapaċità jew rieda li tindirizza nuqqasijiet ta' sikurezza.
- (53) Reem Air ma tatx tweġiba f'waqtha u adegwata għal inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tal-Olanda dwar l-aspett ta' sikurezza tal-operat tagħha u b'hekk uriet nuqqas ta' trasparenza jew komunikazzjoni kif turi l-assenza ta' tweġiba għall-korrispondenza mibgħuta minn dan l-Istat Membru.

⁽¹⁾ CAA-UK-2005-40
CAA-UK-2005-41
CAA-UK-2005-42
CAA-UK-2005-46
CAA-UK-2005-47
CAA-UK-2005-48
CAA-NL-2005-49
CAA-NL-2005-51
CAA-NL-2005-54
CAA-NL-2005-55
CAA-NL-2005-56

⁽²⁾ CAA-NL-2005-119
CAA-NL-2005-122
CAA-NL-2005-128
CAA-NL-2005-171
CAA-NL-2005-176
CAA-NL-2005-177
CAA-NL-2005-191
CAA-NL-2005-195
CAA-NL-2005-196

⁽³⁾ CAA-NL-2005-230
CAA-NL-2005-234
CAA-NL-2005-235

▼B

- (54) Mhemm l-ebda evidenza dwar l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni korrettiv adegwat ippreżentat mir-Reem Air biex isewwi n-nuqqasijiet gravi identifikati fil-qasam tas-sikurezza bi tweġiba għat-talba mill-Olanda.
- (55) L-awtoritajiet tal-Kirgiżistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja ta' Reem Air ma għamlux sorveljanza adegwata fuq din il-kumpanija b'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago, kif turi l-persistenza tan-nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza. Barra minn hekk, l-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni minn Reem Air matul is-smigħ mogħti lil din il-kumpanija turi li, minkejja li ċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru tar-Reem Air inħareġ mill-Kirgiżistan, is-sede prinċipali ta' negozju tal-linja tal-ajru tinsab fl-Emirati Għarab Magħquda (UAE), bi ksur tar-rekwiżiti tal-Anness 6 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.
- (56) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li Reem Air ma tilħaqx l-istandards rilevanti ta' sikurezza.

Silverback Cargo Freighters

- (57) Hemm evidenza vverifikata dwar nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa ta' Silverback Cargo Freighters. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati mill-Belġju matul spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm SAFA ⁽¹⁾.
- (58) Silverback Cargo Freighters li tiggarantixxi wkoll il-manutenzjoni (kontrolli A&B) tal-ajruplani tagħha, ma wegħbitx b'mod adegwat għal inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili ta' dan l-Istat Membru dwar l-aspett ta' sikurezza tal-operat tagħha u b'hekk uriet nuqqas ta' trasparenza jew komunikazzjoni, kif turi l-assenza ta' tweġiba pertinenti għal talbiet magħmula minn dan l-Istat Membru.
- (59) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li Silverback Cargo Freighters ma tilħaqx l-istandards rilevanti ta' sikurezza.

Kumpaniji tal-ajru mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

- (60) Minkejja l-isforzi tagħha, l-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ("DRC") għandhom diffikultajiet persistenti biex jimplimentaw u jinfurzaw l-istandards rilevanti ta' sikurezza, kif turi l-ICAO-USOAP — Rapport Sommarju dwar l-Ispezzjoni tad-Direttorat għall-Avjazzjoni Ċivili tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (Kinxasa, mill-11 sat-18 ta' Ġunju 2001). Partikolarment, bħalissa għad mhemm stabbilita l-ebda sistema ta' ċertifikazzjoni tal-Operaturi tal-Ajru.
- (61) L-awtoritajiet tad-DRC responsabbli għas-sorveljanza regolatorja wrew b'hekk nuqqas ta' kapaċità li jwettqu sorveljanza adegwata fuq is-sikurezza.
- (62) Projbizzjoni tal-operat ġie impost fuq il-kumpanija Central Air Express minħabba nuqqasijiet kkonfermati relatati ma' standards internazzjonali ta' sikurezza, u n-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tagħha ma' Stat Membru.

⁽¹⁾ BCAA-2005-36

▼B

- (63) Il-Belġju ⁽¹⁾ u Hewa Bora Airways (HBA) ipprovdew informazzjoni li turi, fil-każ ta' HBA, li n-nuqqasijiet osservati fl-imgħoddi mill-awtoritajiet Belġjani ġew sinikattivament korretti fir-rigward ta' ċerti ajruplani. Il-Belġju suċċessivament informa lill-Kummissjoni li biħsiebu jwettaq spezzjonijiet fir-rampa sistematiċi fuq l-HBA. B'kunsiderazzjoni ta' dan, jitqies li din il-kumpanija tal-ajru għandha tkun awtorizzata tkompli l-operar attwali.
- (64) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li l-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo "RDC" għandhom jiddaħħlu fl-Anness A, ħlief il-Hewa Bora Airways (HBA), li għandha tiddaħħal fl-Anness B.

Kumpaniji tal-ajru mill-Ginea Ekwatorjali

- (65) L-l-awtoritajiet tal-Ginea Ekwatorjali responsabbli għas-sorveljanza regolatorja ma kkooperawx bis-sħiħ mal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tar-Renju Unit meta tqajjem tħassib dwar is-sikurezza tal-operat ta' kumpanija ċċertifikata u b'liċenzja maħruġa f'dak l-Istat. Ir-Renju Unit kiteb lid-Direttur Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Ginea Ekwatorjali fis-27 ta' Marzu 2002 ⁽²⁾ u talbu kjarifika dwar il-punti li ġejjin:

- żieda sinifikanti fl-għadd ta' ajruplani rreġistrati fil-Ginea Ekwatorjali u l-possibilità li l-Uffiċċju għar-Reġistrazzjoni tal-Ajruplani (Aircraft Registration Bureau — ARB) jew organizzazzjoni simili qed jimmaniġġa r-reġistrazzjonijiet,
- il-fatt li għadd ta' operaturi fil-pussess ta' Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru (AOC) maħruġ mill-Ginea Ekwatorjali ma għandhomx is-sede prinċipali tan-negozju tagħhom fil-Ginea Ekwatorjali.

Fl-ittra l-awtoritajiet tar-Renju Unit avżaw ukoll lid-Direttur Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili li mhux se jkun f'qagħda li jawtorizzaw iktar operazzjonijiet kummerċjali fit-territorju tagħhom minn kumpaniji tal-ajru mill-Ginea Ekwatorjali sakemm ma jkunux sodisfatti lil dawn il-kumpaniji qed tingħatalhom biżżejjed sorveljanza. Il-Ginea Ekwatorjali ma wegħbitx għal din l-ittra.

- (66) L-awtoritajiet tal-Ginea Ekwatorjali responsabbli għas-sorveljanza regolatorja wrew kapacià mhux suffiċjenti biex implimentaw u jinfurzwaw l-istandards rilevanti ta' sikurezza kif juru l-ispezzjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni korrettivi relatati stabbili skont il-Programm ta' Spezzjoni Universali għas-Sorveljanza tas-Sikurezza (Universal Safety Oversight Audit Programme) tal-ICAO. Verifika tali tal-USOAP fil-Ginea Ekwatorjali saret f'Mejju 2001, u fir-rapport ta' verifika ⁽³⁾ huwa indikat li l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili ma kellhiex, meta twettqet l-ispezzjoni, il-kapacià li tipprovdri sorveljanza adegwata fuq l-linji tal-ajru tagħha u lanqas assigurat li dawn joperaw skont l-istandards tal-ICAO. Dawn is-sejbiet mill-ispezzjoni jinkludu:

⁽¹⁾ Spezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA mill-awtoritajiet Belġjani fil-11 ta' Marzu 2006, fi Brussell.

⁽²⁾ Korripondenza bejn il-Ministeru tat-Trasport tar-Renju Unit u d-DGCA tal-Ginea Ekwatorjali dwar ir-"Reġistru tal-Ajruplani tal-Ginea Ekwatorjali" (is-27 ta' Marzu 2002).

⁽³⁾ Rapport Sommarju tal-ICAO-USOAP — Spezzjoni tad-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili tar-Repubblika tal-Ginea Ekwatorjali (Malabo, l-14-18 ta' Mejju 2001).

▼B

- nuqqas ta' organizzazzjoni kapaċi li twettaq attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza, partikolarment in-nuqqas ta' staff speċjalizzat fl-oqsma ta' liċenzjar, operazzjonijiet marbuta mal-ajruplani jew l-ajrunavigabbiltà tagħhom,
- nuqqas ta' kapaità li tidentifika l-għadd ta' ajruplani fir-reġistru jew l-għadd ta' ċertifikati validi tal-ajrunavigabbiltà maħruġa,
- nuqqas li tistabbilixxi sistema strutturata għaċ-ċertifikazzjoni u superviżjoni tal-operaturi tal-ajru,
- nuqqas li tadotta regolamenti applikabbli għall-operazzjonijiet ajronawtiċi,
- nuqqas li twettaq sorveljanza fuq operaturi awtorizzati,
- nuqqas li timplimenta sistema għat-twettiq ta' dmirijiet bażiċi ta' aġenzija għall-ispezzjoni tal-ajrunavigabbiltà.

Barra minn hekk id-Direttorat Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Ginea Ekwatorjali sal-lum għadu ma ressaqx pjan ta' azzjoni lill-ICAO biex jindirizza dawn is-sejbiet mill-ispezzjoni ⁽¹⁾ u b'hekk ma seħħet b'segwitu l-ebda missjoni ta' verifika.

- (67) L-awtoritajiet tal-Ginea Ekwatorjali responsabbli għas-sorveljanza regolatorja wrew kapaċità mhux suffiċjenti biex implimentaw u jinfuraw l-istandards rilevanti ta' sikurezza f'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago. Fil-fatt, uħud mill-operaturi fil-pussess ta' Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru (AOC) maħruġ mill-Ginea Ekwatorjali ma għandhomx is-sede prinċipali tan-negozju tagħhom fil-Ginea Ekwatorjali, bi ksur tar-rekwiżiti tal-Anness 6 tal-Konvenzjoni ta' Chicago ⁽²⁾.
- (68) L-awtoritajiet tal-Ginea Ekwatorjali responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tal-kumpaniji tal-ajru li ġejjin urew b'hekk in-nuqqas ta' kapaċità li jwettqu sorveljanza adegwata fuq dawn il-kumpaniji: Air Consul SA, Avirex Guinée Equatoriale, COAGE — Compagnie Aeree de Guinée Equatoriale, Ecuato Guineana de Aviación, Ecuatorial Cargo, GEASA — Guinea Ecuatorial Airlines SA, GETRA — Guinea Ecuatorial de Transportes Aéreos, Jetline Inc., King Transavia Cargo, Prompt Air GE SA, UTAGE — Unión de Transporte Aéreo de Guinea Ecuatorial.
- (69) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li l-kumpaniji tal-ajru kollha ċertifikati fil-Ginea Ekwatorjali għandhom ikunu suġġetti għal projbizzjoni tal-operat u jiddaħħlu fl-Anness A.

Kumpaniji tal-ajru mil-Liberja

- (70) Hemm evidenza vverifikata dwar nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa ta' International Air Services iċċertifikata fil-Liberja. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati minn Franza, matul spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm SAFA ⁽³⁾.

⁽¹⁾ Id-Dokument ta' ħidma tal-Kunsill tal-ICAO C-WP/12471.

⁽²⁾ Korripondenza bejn il-Ministeru tat-Trasport tar-Renju Unit u l-ECAC dwar il-“Kwistjoni tad-Dokumentazzjoni dwar l-Ajruplani minn Kumpaniji mhux awtorizzati” (is-6 ta' Awwissu 2003).

⁽³⁾ DGAC/F-2004 Nri s 315, 316.

▼B

- (71) L-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja ma kkooperawx bis-sħiħ mal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tar-Renju Unit meta dawn ġew informati b'nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza identifikati fuq ajruplan reġistrat fil-Liberja waqt spezzjoni fir-rampa mwettqa mir-Renju Unit fil-5 ta' Marzu 1996 ⁽¹⁾. Minnufih tqajjem tħassib dwar is-sikurezza tal-operat ta' kumpaniji ċċertifikati u b'liċenzja maħruġa fil-Liberja meta fit-12 ta' Marzu 1996, id-DCA Liberjan ġie avżat mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tar-Renju Unit li se jkunu rrifjutati t-talbiet kollha għal permessi sabiex ajruplani rreġistrati fil-Liberja joperaw servizzi kummerċjali lejn ir-Renju Unit sakemm l-awtoritajiet Liberjani ma jkunux jistgħu juru l-eżistenza ta' sistema regolatorja effikaċi biex tiggarantixxi l-ajrunavigabbiltà tal-ajruplani mniżżla fir-reġistru Liberjan. L-ebda tweġiba ma waslet mill-awtoritajiet Liberjani. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Liberjani ma kkooperawx bis-sħiħ mal-awtorità tal-avjazzjoni ċivili ta' Franza billi rrifjutaw li jwieġbu għat-tħassib imqajjem minn dan l-Istat Membru dwar is-sikurezza tal-operat ta' kumpanija ċċertifikata jew b'liċenzja maħruġa fil-Liberja.
- (72) L-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja wrew kapaċità mhux suffiċjenti biex implimentaw u jinfurzwaw l-istandards rilevanti ta' sikurezza. Il-Gvern tal-Liberja stess ammetta fl-1996 ⁽²⁾ li ma kellux il-kapaċità li jżomm kontroll regolatorju fuq ajruplani reġistrati fil-Liberja minħabba l-kunflitt ċivili. Filwaqt li ġie ffirmat il-Ftehim għall-Paċi Komprensiv fl-2003 u n-Nazzjonijiet Uniti u l-Gvern Nazzjonali ta' Tranżizzjoni tal-Liberja qed jistabbilixxu bil-mod il-miżuri biex titjieb is-sikurezza, mhuwiex probabbli li l-kapaċità tal-Gvern li jirregola r-reġistri nazzjonali tjebet mill-1996 'l hawn. L-ICAO għadu ma wettaqx spezzjoni USOAP tal-Liberja minħabba l-qagħda tas-sigurtà.
- (73) L-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tal-kumpaniji tal-ajru li ġejjin urew b'hekk nuqqas ta' kapaċità li jwettqu sorveljanza adegwata fuq dawn il-kumpaniji: International Air Services Inc., Satgur Air Transport Corp., Weasua Air Transport Co. Ltd.
- (74) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li l-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Liberja għandhom ikunu suġġetti għal projbizzjoni tal-operat u jiddaħħlu fl-Anness A.

Kumpaniji tal-ajru mis-Sierra Leone

- (75) Hemm evidenza vverifikata dwar nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa ta' Air Universal Ltd. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati mill-Iżvezja matul spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm SAFA ⁽³⁾.

⁽¹⁾ UK-CAA Regulation Group — Aircraft Survey Report, il-5 ta' Marzu 1996 (Kodiċi Uffiċjali: 223).

⁽²⁾ Korrispondenza bejn il-Ministeru tat-Trasport tal-Liberja u d-DGCA tar-Renju Unit dwar "l-inkapaċità, minħabba l-kunflitt ċivili Liberjan, li jinżamm kontroll regolatorju fuq ajruplani reġistrati fil-Liberja", it-28 ta' Awwissu 1996.

⁽³⁾ LFV-S-04-0037

▼B

- (76) L-awtoritajiet tas-Sierra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja ma kkooperawx bis-sħiħ mal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Iżvezja meta tqajjem tħassib dwar is-sikurezza tal-Air Universal Ltd. iċċertifikata f'dak l-Istat kif juri n-nuqqas ta' tweġiba għall-korrispondenza minn dan l-Istat Membru.
- (77) Ir-Renju Unit diġà rrifjuta jew irrevoka l-awtorizzazzjoni għall-operat jew il-permess tekniku tal-ajruplani kollha suġġetti għas-sorveljanza tas-Sierra Leone.
- (78) Minkejja li ċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru ta' Air Universal Ltd. inħareġ mis-Sierra Leone, hemm evidenza li turi li s-sede prinċipali ta' negozju tal-linja tal-ajru tinsab attwalment fil-Ġordan, bi ksur tar-rekwiżiti tal-Anness 6 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.
- (79) L-awtoritajiet tas-Sierra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja ta' Air Universal ma għamlux sorveljanza adegwata fuq dan it-trasportatur b'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago.
- (80) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li Air Universal ma tilħaqx l-istandards rilevanti ta' sikurezza.
- (81) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet serji fil-qasam tas-sikurezza min-naħa tat-trasportaturi kollha bl-ajru iċċertifikati fis-Siera Leone. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati minn tliet Stati Membri, ir-Renju Unit, Malta u l-Iżvezja, matul spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm SAFA ⁽¹⁾.
- (82) L-awtoritajiet tas-Sierra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja ma kkooperawx bis-sħiħ mal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Iżvezja u ta' Malta meta tqajjem tħassib dwar is-sikurezza ta' Air Universal Ltd. iċċertifikata f'dak l-Istat, kif juri n-nuqqas ta' tweġiba għall-korrispondenza minn dawn l-Istati Membri.
- (83) L-awtoritajiet tas-Sierra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja wrew kapaċità mhux suffiċjenti biex implimentaw u jinfurzaw l-istandards rilevanti ta' sikurezza f'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago. Is-Sierra Leone ma għandhiex stabbilita sistema adegwata biex tissorvelja l-operaturi tagħha jew l-ajruplani, u ma għandhiex il-kapaċità teknika jew ir-riżorsi biex twettaq ħidma bħal din. Fil-fatt, uħud mill-operaturi fil-pussess ta' Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru (AOC) maħruġ mis-Sierra Leone ma għandhomx is-sede prinċipali tan-negozju tagħhom fil-Ginea Ekwatorjali, bi ksur tar-rekwiżiti tal-Anness 6 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

⁽¹⁾ CAA-UK-2003-103
CAA-UK-2003-111
CAA-UK-2003-136
CAA-UK-2003-198
CAA-MA-2003-4
LFV-S-2004-37

▼B

- (84) Il-jan ta' azzjoni korrettiva ippreżentat mis-Sierra Leone ma jitqiesx adegwat (jew jitqies insuffiċjenti) biex isewwi n-nuqqasijiet serji ta' sikurezza identifikati. L-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tas-Sierra Leone daħlet f'kuntratt ma' kumpanija privata, International Aviation Surveyors (IAS), biex din twettaq ċerti attivitajiet ta' sorveljanza f'isem l-Awtorità. Madankollu, l-arranġamenti konklużi bejn iż-żewġ partijiet f'Memorandum ta' Qbil (MoU) ⁽¹⁾ ma jipprovdwx sistema adegwata ta' sorveljanza għall-inġenji tal-ajru fir-reġistru tas-Sierra Leone. B'mod partikolari:
- l-inġenji tal-ajru/il-linji tal-ajru koperti bl-MoU ma kenux ibbażati fis-Sierra Leone, u l-persunal tal-IAS la kienu bbażati fis-Sierra Leone u lanqas fil-pajjiż li fih kienu bbażati l-linji tal-ajru;
 - ma deherx li l-IAS kellha xi poteri ta' infurzar;
 - l-IAS assumiet ir-responsabbiltà għall-ispezzjonijiet ta' rutina fuwq il-linji tal-ajru kkonċernati, imma l-livell tal-attivitajiet ta' spezzjoni ma kienx speċifikat;
 - l-MoU lill-IAS taha relazzjoni kuntrattwali mal-linji tal-ajru kkonċernati;
 - l-MoU ma deherx li jindirizza adegwament is-superviżjoni tal-operazzjonijiet ta' titjir.
- (85) L-awtoritajiet tas-Sierra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tal-kumpaniji tal-ajru li ġejjin urew nuqqas ta' kapaċità li jwettqu sorveljanza adegwata fuq dawn il-kumpaniji: Aerolift Co. Ltd, Afrik Air Links, Air Leone Ltd, Air Rum Ltd, Air Salone Ltd, Air Universal Ltd, Destiny Air Services Ltd, First Line Air (SL) Ltd, Heavylift Cargo, Paramount Airlines Ltd, Star Air Ltd, Teebah Airways, West Coast Airways Ltd.
- (86) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li l-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fis-Sierra Leone għandhom jiġu suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat u jiddaħħlu fl-Anness A.

Kumpaniji tal-ajru mis-Sważiland

- (87) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet serji fil-qasam tas-sikurezza min-naħa ta' Jet Africa, kumpanija tal-ajru ċċertifikata fis-Sważiland. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati mill-Olanda, waqt spezzjoni fir-rampa mwettqa bħala parti mill-Programm SAFA ⁽²⁾.
- (88) Jet Africa ma tatx tveġiba f'waqtha u adegwata għal inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tal-Olanda dwar l-aspett ta' sikurezza tal-operat tagħha u b'hekk uriet nuqqas ta' trasparenza jew komunikazzjoni kif turi l-assenza ta' tveġiba għall-korrispondenza mibgħuta minn dan l-Istat Membru.
- (89) Mhemm l-ebda evidenza ta' pjan ta' azzjoni korrettiva ppreżentat minn Jet Africa biex isewwi n-nuqqasijiet serji ta' sikurezza b'risposta għat-talba mill-Olanda.

⁽¹⁾ Memorandum of Understanding between DCA Sierra Leone and "FAST International Aviation Surveyors on the inspection, surveillance and provision of regulatory services to extra-regional air operators" (IAS/SL DCA MOA 201101).

⁽²⁾ CAA/NL-2004-98.

▼B

- (90) L-awtoritajiet tas-Swaziland responsabbli għas-superviżjoni regolatorja wrew kapaċità insuffiċjenti li jimplimentaw u jinfurzaw l-istandards rilevanti tas-sikurezza, kif intwera partikolarment b'verifika tal-USOAP li saret f'Marzu 1999. Ir-rapport ta' verifika⁽¹⁾ kkonkluda li, fil-waqt tal-verifika, is-Swaziland ma kenitx kapaċi li taqdi b'mod sodisfaċenti r-responsabbiltajiet relatati mas-superviżjoni tas-sikurezza fir-rigward tal-linji tal-ajru u r-reġistru tal-inġenji tal-ajru tagħha. Innota wkoll li ma kienx possibbli li l-għadd reali tal-inġenji tal-ajru jkun determinat, minħabba li r-reġistru ma kienx miżmum sewwa. Il-grupp ta' verifika lanqas ma seta' jiddetermina l-għadd reali ta' liċenzji tal-persunal maħruġa mis-Swaziland li kienu għadhom validi, minħabba li ma kenx qed jinżammu rekords sewwa. Ma saret l-ebda missjoni ta' segwitu ta' verifika tal-USOAP, minħabba li s-Swaziland ma tax lill-ICAO informazzjoni dwar il-progress li wettqet fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni biex tindirizza s-sejbiet tar-rapport.
- (91) L-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tal-kumpaniji tal-ajru li ġejjin urew nuqqas ta' kapaċità li jwettqu sorveljanza adegwata fuq dawn il-kumpaniji: Aero Africa (Pty) Ltd, African International Airways (Pty) Ltd, Airlink Swaziland Ltd, Northeast Airlines (Pty) Ltd, Scan Air Charter Ltd, Swazi Express Airways, Jet Africa.
- (92) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li l-kumpaniji tal-ajru kollha ċertifikati fis-Swaziland għandhom jiġu suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat u jiddaħħlu fl-Anness A.

Kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar il-linji l-oħra inklużi fil-lista

- (93) Minħabba li dan ma jikkomprometti bl-ebda mod is-sikurezza, it-trasportaturi tal-ajru elenkati hawn fuq jista' jingħatalhom il-permess li jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin flimkien mal-ekwipaġġ (wet-leasing) mingħand trasportatur tal-ajru li mhuwiex suġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, dejjem jekk tinżamm il-konformità mal-istandards rilevanti tas-sikurezza.
- (94) il-lista tal-Komunità għandha tkun aġġornata regolarment u hekk kif ikun meħtieġ, biex tkun tista' tqis l-evoluzzjoni tas-sikurezza f'relazzjoni mat-trasportaturi tal-ajru kkonċernati u abbażi ta' evidenza ulterjuri dwar l-azzjonijiet rimedjali li jitwettqu.

Trasportaturi tal-ajru mhux inklużi fil-lista

- (95) Fid-dawl tal-evidenza mressqa minn Tuninter u l-awtoritajiet tat-Tuneżija responsabbli għas-sorveljanza regolatorja fuq din il-kumpanija, u konferma ulterjuri mill-Italja, jitqies li hemm evidenza sostanzjata li dan it-trasportatur tal-ajru kkoreġa n-nuqqasijiet ta' sikurezza osservati matul żewġ spezzjonijiet fil-post imwettqa mill-awtoritajiet Taljani.

⁽¹⁾ ICAO-USOAP Summary Report — Audit of the Directorate of Civil Aviation of Swaziland, (Mbabane, 9-12 ta' Marzu 1999).

▼B

- (96) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja, jitqies li ma għadx hemm evidenza sostanzjata ta' nuqqas ta' kapaċità jew rieda min-naħa tal-awtoritajiet tat-Taġikistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tal-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati f'dan l-Istat.
- (97) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju li turi li ġew ikkoreġuti għal kollox in-nuqqasijiet li kienu wasslu biex ikun hemm projbizzjoni nazzjonali fuq l-I.C.T.T.P.W. u South Airlines, jitqies li mhemmx evidenza sostanzjata ta' persistenza ta' nuqqasijiet serji tas-sikurezza min-naħa ta' dawn it-trasportaturi tal-ajru.
- (98) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja li turi li l-inġenju tal-ajru speċifiku li wassal għall-impożizzjoni ta' restrizzjoni operattiva fuq Atlant Soyuz ma għadux parti mill-flotta ta' din tal-aħħar, jitqies li mhemmx evidenza sostanzjata ta' persistenza ta' nuqqasijiet serji tas-sikurezza min-naħa ta' dan it-trasportatur tal-ajru.
